QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002.

APPELL NRU. 227/2001 . IL-PULIZIJA.

(Spettur Patrick Spiteri .)

VS

FRANCIS GRIMA.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Mejju, 2001 , ghal habta ta' 6.20 p.m. waqt stagun miftuh ghall-kacca ghall-ghasafar minn fuq l-art kien ghal kacca u kellu fil-pussess u kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi SN T03746 , ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghasfur (seqer) li mhux inkluz fl-iskeda I tar-Regolamenti A.L. 146/93 u dana bi ksur tal A.L 146/93 Art. 9(1)(b) u aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu fit-2 ta' Mejju, 2001 u dana bi ksur tal-Kap.9 art. 338 (ee)

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Dicembru, 2001 , li biha wara li qalet li it-tieni parti tal-akkuza ma tirrizultax , sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u wara li rat l-artikoli 9 (1) (b) , u 25 tal-Ewwel Skeda ta' l-Avviz Legali 146/93 , ikkundannatu tlitt mitt lira Maltin (LM300) multa oltre li ordnat il-konfiska tas-senter Luigi Franchi SN T03746 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja ghal kacca ghal zmien sena minn dak in-nhar.

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-appellant fid-19 ta ' Dicembru, 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tirriforma is-sentenza appellata billi tilliberah mill-ewwel akkuza , ta' liema akkuza hu instab hati , u fin-nuqqas tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli hemm konflitt serju tal-provi li ghandu jmur favur l-appellant ; li ma jirrizultax mill-provi li kien l-appellant li spara meta fis-senter li inqabad bih kien ghadu mimli bi tlitt skratac , u li kontra dak allegat, kien hemm distanza ta' aktar minn 250 metru minn fejn kien hemm l-appellant ghall-vicinanzi ta' fejn kienu l-Pulizija.

Ezaminat bir-reqqa l-atti tal-process inkluzi ix-xiedha traskritta li inghatat quddiem l-ewwel Qorti ,

Semnhet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli Prosekutur ,

Ikkunsidrat ,

li l-aggravji tal-appellant jimportaw ezami u apprezzament tal-fatti li irrizultaw quddiem l-ewwel Qorti u gie ripetutament ritenut li din il-Qorti , trattandosi ta' apprezzament ta' provi , ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti li tkun semghet ix-xhieda "viva voce" u kienet f'-pozizzjoni ahjar li tevalwa il-kredibilita' u l-attendibilita' li ghandha taghti lil kull xhud, sakemm ma jkunx jidher ghal din il-Qorti li il-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-ewwel Qorti tkun "unsafe and unsatisfactory" , fis-sens li dik il-Qorti , fuq il-fatti li irrizultawla qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ikkunsidrat ,

li f'dan il-kaz xehdu biss iz-zewg ufficjali tal-Pulizija P.C. 1453 u P.C. 800. L-appellant kien ghazel li ma jixhidx. Dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija xehdu li waqt li kienu "on patrol" l-Ahrax tal-Mellieha fil-hin u data imsemmijin fl-akkuza raw seqer itir fil-baxx sejjer fid-direzzjoni ta' sigra u kif appena kien ser ipoggi fuq dis-sigra , semghu tir ta' arma tan-nar u s-seqer tar. Kif huma marru lejn is-sigra biex jinvestigaw hareg ragel jigri minn taht is-sigra u telaq jigri bis-senter f'idu . Grew bicca girja mhux hazin warajh u meta lahqu lil dan ir-ragel sabu li is-senter kien ikkargat bi tnejn. Dar-ragel kien l-appellant li gie identifikat fl-awla . P.C. 1453 xehed li meta waqqfu lir-ragel , dan kien qalilhom biex jahfrulu . Kien ukoll sostna li kien spara fuq summiena u fil-fatt urihielhom , izda it-tnejn innotaw li id-demm fuq is-summiena kien maqghud u P.C. 800 deherlu li din is-summiena kien ilha mejta u ma kellhiex demm icarcar.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti , ghalkemm iz-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni , xehdu li ma rawx lill-appellant jispara, imma semghu biss it-tir , kienu vicin bizzejjed li setghu jikkonkludu li it-tir kien gie sparat mill-appellant li kien wahdu hdejn is-sigra fejn kien ser ipoggi is-seqer u li harab minn hemm kif lemah il-Pulizija gejjin lejh . Il-fatt tal-harba u li hu talab mahfra lill-ufficjali tal-Pulizija ikompli izid il-konvinciment tal-Pulizija u ta' min jiggudika li kien hu li spara . Illi kien hemm certa immedjatezza bejn l-isparatura u l-intervent tempestiv tal-Pulizija li minnufieh wassalhom hdejn l-appellant in fuga. F'dawn il-ftit sekondi bejn it-tir u meta l-pulizija qabdu lill-appellant , zgur li ma kienx hemm il-hin materjali biex id-demm fuq is-summiena li allega li kien spara fuqha l-appellant , jikkoagula . Ghalhekk l-ispjegazzjoni li ta lill-Pulizija a tempo vergine l-appellant ma hix verosimili. Quddiem il-Qorti umbaghad l-appellant ghazel li ma jixhidx u l-ewwel Qorti ma kellha ebda versjoni guramentata li biha setghet , anki kieku riedet , tikkontradici il-versjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ghalkemm ma tikkontjenix il-prova diretta u vizwali tal-isparatura da parti tal-appellant , tikkontjeni prova indiretta ,"circumstantial evidence" , qawwija u kogenti bizzejjed li setghet "safely " twassal lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni ta' htija dwar l-ewwel akkuza ,li waslet ghaliha fis-sentenza appellata .

Illi l-argument tad-difiza li l-appellant ma setax kien hu li spara ghax kien fadallu tlitt iskratax fil-magazine , apparti li mhux bazata fuq il-fatti li rrizultaw ghax skond P.C. 1453 is-senter kien ikkargat bi tnejn, ma jreggix ghax ladarba is-senter kien jiehu seba' skratac anki kieku kien fadallu tlieta fil-magazine , dan ma jeskludix li seta' lahaq spara sa erba tiri qabel ma jinstabu it-tlitt skratac rimanenti fil-magazine.

Illi umbaghad ghar-rigward jekk it-tajra li spara fuqha l-appellant kienetx seqer jew summiena , hu risaput li it-titjira ta' seqer hija wahda li tinkludi hafna "gliding" kif deskritt minn P.C. 1453, cioe' titjir bla ma jintuza il-moviment tal-gwienah u billi it-tajra tirkeb fuq il-kurrenti tal-arja u tissiefaq jew taghmel "hovering" fl-istess post , u dana f'certu gholi, invece is-summiena normalment ittir fil-baxx hafna zaqqa mall-art b'certa heffa u izzigg b'mod li hafna drabi difficli tarha . Inoltre summiena hija ghasfur zghir hafna , twila xi 15 il-centimetru b'kollox mentri seqer hija tajra ferm u ferm akbar . Ghalhekk mill-preponderanza tal-provi seta' jijirrizulta ukoll lill-ewwel Qorti li it-tajra li spara fuqha l-appellant kien fil-fatt seqer kif xehdu ix-xhieda tal-Proskuzzjoni u mhux summiena.

L-aggravju li adducciet id-difiza li kien hemm xi konflitt fil-provi, ma jidhirx bazat fuq ir-rizultanzi , ghax l-unici zewg xhieda li xehdu , P.C. 1453 u P.C. 800 huma konkordi fil-versjoni li taw tal-incident u ma hemmx konflitt bejn dak li xehdu li b'xi mod jista' jibbenefika lill-appellant . Lanqas ma jidher bazat fuq ir-rizultanzi l-aggravju tal-appellant li kontra kif allegat , kien hemm distanza ta' aktar minn 250 metru minn fejn kien hemml-appellant u fejn kienu il-Pulizija . Dan ma johrogx mill-provi u anki kieku irrizulta ma jeskludix il-htija tal-appellant .

Ghalhekk dwar il-konkluzzjoni ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni raggunta mill-ewwel Qorti din ma jidhirx li kienet "unsafe and unsatisfactory" u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturbha.

Illi dwar il-piena , l-appellant , una volta misjub hati , seta' wehel piena ta' minimu ta' LM50 sa massimu ta' LM500 multa ghall-"first conviction" u skwalifika mill-licenzji tieghu tal-kacca u tal-armi ghal periodu li f'ebda kaz ma jista' jkun inqas minn sena. skond ir-Regolament 25 tal-"Protection of Birds and Wild Rabbits Regulations" (A.L. 146/1993) . Ghalhekk il-multa ta' LM300 , inflitta mill-ewwel Qorti kienet pjenament entro il-parametri preskritti mill-ligi u fic-cirkostanzi ma tidhirx sproporzjonata. Inoltre il-periodu tal-iskwalifika impost mill-ewwel Qorti hu il-minimu li setghet taghti skond il-ligi u ghalhekk ma jistax jigi ridott minn din il-Qorti . Ghalhekk lanqas ma hu l-kaz li din il-Qorti li tvarja il-piena.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intierezza taghha , b'dana li il-periodu tal-iskwalifika jibda jiddekorri mill-lum .

(ft) Joseph G. Galea Debono.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
09.05.02